IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 27**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 23 ta' Settembru 2014 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 26**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru G26 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 26

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 26** Punti li joħorġu mill-Minuti G 26



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| 2.01 | 5.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo saqsa fiex kien wasal il-proċess sabiex tinħareġ l-offerta l-ġdida. Is-Sindku wieġeb li l-perit tal-Kunsill kien qiegħed jaħdem fuq it-*tender*. | Għeluq temporanju tal-latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ |
| 2.02 | 5.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li x-xogħlijiet fuq il-Proġett ta' Triq Santa Rita u Misraħ San Katald kienu nbdew fid-19 ta' Settembru. Huwa spjega li tali xogħlijiet damu ma nbdew minħabba diversi problemi li nqagħlu, fosthom mas-Sovvrintendenza tal-Wirt Kulturali.<br><br>Il-Kunsillier Ian Vassallo saqsa dwar x'ser jiġri mis-siġar li ser jinqalgħu minn Triq Santa Rita. Is-Sindku wieġeb li s-siġar protetti ser jerġgħu jitqiegħdu f'posthom filwaqt li l-oħrajn ser jitħawlu xi mkien ieħor. | Żviluppi rigward il-Proġett ta' Triq Santa Rita u Misraħ San Katald |
| ** | Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fis-7:25 ta' filgħaxija. | |
| 2.03 | 9.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li persuna magħżula rrifjutat l-impjieg għaldaqstant il-Kunsill ser ikompli bil-proċess skont it-termini tal-liġi. | Proċess tal-għażla għall-impjegata fi skala 15 |
| 2.04 | 13.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien intgħażel sabiex ikun parti mill-Proġett Pilota dwar *Performance Management* fil-Kunsilli Lokali. | Proġett Pilota dwar *Performance Management* fil-Kunsilli Lokali |
| ** | **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa *item* nru 17 tal-aġenda. Dan sabiex il-perit tal-Kunsill ikun jista' jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kunsill qabel.** | |
| **17.00** | **Materji Oħra** | |
| 17.01 | Wara diskussjoni li saret mal-perit dwar it-*traffic management system* fiż-żona ta' Santa Katerina (Misraħ Suffara), ġie deċiż li l-perit iħejji stima ta' *full development plan* għal din iż-żona. | *Traffic management system* fiż-żona ta' Santa Katerina |
| 17.02 | Wara diskussjoni li saret mal-perit dwar it-*tender* tal-latrina ta' Triq il-Kulleġġ, il-Kunsill iddeċieda li fit-*tender* jiddaħħlu dawn il-kundizzjonijiet:<br>- Il-kuntrattur irid ilesti x-xogħlijiet fuq il-latrina fi żmien 7 ġimgħat<br>- Jekk ix-xogħlijiet ma jitlestewx saż-żmien stipulat fit-*tender,* tidħol fis-seħħ multa ta' €50 kuljum.<br><br>Ġie deċiż ukoll li l-vot għal dan it-*tender* ma jaqbiżx is-€27,000 u li fl-ewwel sena l-kuntrattur jingħata 70% tal-ammont tal-offerta li jkun tefa'. | *Tender* tal-latrina ta' Triq il-Kulleġġ |
| ** | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro daħlet għal-laqgħa fit-8.35 ta' filgħaxija. | |
| 17.03 | Is-Sindku ppropona li bħal kull sena jinxtraw id-djarji għas-sena 2015 għall-Kunsilliera, il-membri tal-Kumitati Ammistrattivi u l-*istaff.* Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament u awtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tiddeċiedi skont il-ħtieġa wara li jkunu | Xiri ta' djarji 2015 |

nġabru l-kwotazzjonijiet.

17.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li nhar il-Ġimgħa l-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-ħġieġ riċiklabbli ma ġabarx tal-Baħrija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tinforma lill-Kumpanija *Green Mt* dwar dan l-ilment.

Ilment dwar l-iskart riċiklabbli

17.05 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li l-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart mill-*bring-in-sites* kien qiegħed imur aktar kmieni mill-ħin miftiehem. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tinforma lill-*Kumpanija Green Mt* dwar dan l-ilment.

Ilment dwar il-ġbir tal-iskart mill-*bring-in-sites*

17.06 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jsir *dog bin* fi Triq Ħad-Dingli k/m Vjal il-Ħaddiem. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Dog bin* fi Triq Ħad-Dingli k/m Vjal il-Ħaddiem

17.07 Il-Kunsillier Nazju Cassar qal li Bieb ir-Ruwa ħdejn il-*White House* hemm bżonn li jsir il-*patching*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din iż-żona taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija u għaldaqstant tali deċiżjoni trid tittieħed mill-KA.

Bżonn ta' patching Bieb ir-Ruwa ħdejn il-*White House*

17.08 Il-Kunsillier Nazju Cassar qal li hemm bżonn li jitnaddaf it-terrapin li hemm Triq Misraħ Suffara faċċata tal-*Computer Centre*. Huwa ppropona li titnaddaf din iż-żona u li s-siġar li jinqalgħu minn Triq Santa Rita jitħawlu hemm. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tindif fi Triq Misraħ Suffara

17.09 Il-Kunsillier Nazju Cassar ppropona li tinħareġ offerta għall-qtugħ ta' ħaxix.

Ħruġ ta' offerta għall-qtugħ ta' ħaxix

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija kien ser joħroġ offerta separata għaż-żona tiegħu.

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-mozzjoni għaddiet b'seba' voti favur u wieħed kontra.

17.10 Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li jiġu ordnati tabelli ġodda *parking within the lines* għall-*housing estate* kollu ta' Għajn Qajjet minħabba li dawn ċċaraw. Issekondat din il-proposta il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tabelli ġodda tal-*parking within the lines*

17.11 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ppproponiet li jiġu ordnati t-tabelli ġodda tal-ħinijiet tal-iskejjel minħabba li ħafna minnhom iċċaraw. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tabelli ġodda tal-ħinijiet tal-iskejjel

17.12 **Il-Kunsill qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda**

## 3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

3.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li kienet riċevuta risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar rapport bis-suġġett 'il-pożizzjoni u l-operat finanzjarju tal-Kunsill', li ma kinitx iġġib il-firma tad-Direttur hekk kif kien miftiehem f'laqgħa li inżammet miegħu fil-31 ta' Lulju 2014.

Rapport bis-suġġett 'il-pożizzjoni u l-operat finanzjarju tal-Kunsill'

Is-Sindku ppropona li tali direzzjoni mgħotija fir-risposta riċevuta ma tiġix approvata minħabba li d-deċiżjoni tal-Kunsill meħuda f'seduta G26 tas-26 ta' Awwissu 2014, kienet li l-pagamenti jsiru hekk kif il-Kunsill jirċievi l-approvazzjoni bil-miktub mingħand id-Direttur. Is-Sindku informa l-laqgħa li kien ser jagħmel komunikat hu mad-Direttur dwar dan u li jekk il-Kunsill ma jirċevix risposta fi żmien ħamest ijiem, il-każ kien ser jitressaq 'l Bord tal-Governanza. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.02 Is-Sindku ppropona li jsiru xogħlijiet ta' *scarifying* f'dawn it-toroq: — Xogħlijiet infrastrutturali f'diversi toroq

-Parti minn Triq San Publiju
-Parti minn Triq Pierre Muscat
-Parti minn Triq ir-Rgħajja
-Parti minn Triq Ħal Bajjada

Hu qal li l-ispiża għal dawn ix-xogħlijiet mhux ser taqbeż l-€1,000. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv ma qablitx mad-deċiżjoni meħuda peress li ma ġietx ippreżentata l-ebda kwotazzjoni jew stima tal-perit.

3.03 Is-Sindku ppropona li jsir xogħol ta' *scarifying bit-trencher* fi Triq Beninju Zerafa, peress li hemm familja li ilha snin tilmenta mal-Kunsill, li kull meta tagħmel ix-xita qegħdin jintlew bl-ilma minħabba l-qlib tat-triq. Hu qal li l-ispiża għal dan ix-xogħol mhux ser taqbeż l-€1,000. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — Xogħlijiet infrastrutturali fi Triq Beninju Zerafa

Is-Segretarju Eżekuttiv ma qablitx mad-deċiżjoni meħuda peress li ma ġietx ppreżentata l-ebda kwotazzjoni jew stima tal-perit.

3.04 Is-Sindku nforma l-laqgħa li fi Triq Sant'Aristarku niżlet parti mit-triq quddiem residenza u konsegwenza ta' dan saret ħsara fuq medda tad-drenaġġ ta' dan ir-resident. Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li jitħejja rapport mill-perit tal-Kunsill. — Xogħlijiet infrastrutturali fi Triq Sant'Aristarku

3.05 Is-Sindku ppropona li materjal ta' kostruzzjoni li qiegħed jinqala' minn Triq Santa Rita jintuża sabiex jiġi mwitti fit-toroq tal-Imtaħleb, sabiex jingħalqu diversi ħofor li hemm. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-mozzjoni minħabba li dan il-materjal jista' jitkaxkar bil-maltemp għal ġol-widien. — Materjal ta' kostruzzjoni li inqala' minn Triq Santa Rita

Il-Kunsill nnota wkoll li din iż-żona taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, għaldaqstant tali deċiżjoni trid tittieħed minnu.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fid-9.17 ta' filgħaxija.

## 4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għall-iskeda tal-ħlasijiet numru 237, pagament bin-numru 6778, dovut lill-*Argos Ltd*. Hi infurmat 'il laqgħa li minn dan il-pagament ta' €607.54 ġie mħallas biss €298.42 minħabba li l-valur tal-vann tal-Kunsill kien niżel. — Pagament numru 6778. Skeda tal-ħlasijiet 237

4.02 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 238 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. — L-iskeda tal-ħlasijiet numru 238

**5.00 Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Ottubru-Diċembru 2014)**

5.01 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn Ottubru – Diċembru 2014 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Sindku Doris Coleiro biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm. Il-Viċi Sindku qalet li l-prezz tal-ħarġiet żdied b'50c hekk kif deċiż f'seduta G26. — Programm tal-ħarġiet għall-Anzjani

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova l-programm. Issekonda din il-proposta l-Kunsilllier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

**6.00 Ħruġ ta' offerta għall-Ġbir ta' Skart Domestiku**

6.01 Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-Ġbir ta' Skart Domestiku. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. — Ħruġ ta' offerta għall-Ġbir ta' Skart Domestiku

**7.00 Ħruġ ta' offerta għall-Ġbir ta' Skart Goff**

7.01 Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-Ġbir ta' Skart Goff. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament. — Ħruġ ta' offerta għall-Ġbir ta' Skart Goff

**8.00 Ħruġ ta' offerta għal Xogħol ta' Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku**

8.01 Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għal Xogħol ta' Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. — Ħruġ ta' offerta għal Xogħol ta' Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02), wara diversi tentattivi sabiex dan il-Bord jiltaqa' ma mmaterjalizzawx.**

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa għall-provvediment ta' servizzi ta' avukat (RLC/Q/086/14)

Intefgħu erba' kwotazzjonijiet hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | Mifsud & Mifsud Advocates<br>Dr Joseph Mizzi | €2,124 *per annum* |
| 2 | Dr Tonio Cachia | €2,124 *per annum* |
| 3 | Dr Richard Sladden | ***'Option1'*** - €29.50 *per hour (inc. vat)*<br><br>***'Option 2'*** - €149 *per month (exc. vat)**<br><br>*€2,109.84 *per annum* |
| 4 | Dr Larry Formosa<br>Cocyra Legal | €1,490 *per annum* |

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Dr Richard Sladden peress li l-prezz u s-servizz magħżul huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż għall-Kunsill minn dawk mitfugħa.

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa għall-provvediment ta' servizzi għat-tisqija, żamma u manutenzjoni ta' pjanti (RLC/Q/087/14).

Intefgħu tliet kwotazzjonijiet hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | Joseph Azzopardi<br>JA Gardening & Landscaping | €2.50 *per pot/per month**<br><br>*€4,590 *per annum* |
| 2 | W.M. Environmental Ltd | €21.00 *per pot/per annum**<br><br>*€3,150 *per annum* |
| 3 | Charles & Joseph Gauci | €0.19c *per pot/per month**<br><br>*€342.00 *per annum* |

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Joseph Azzopardi peress li l-prezz u s-servizz magħżul huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż għall-Kunsill minn dawk mitfugħa.

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa għall-provvediment ta' servizzi ta' ġbir ta' annimali mejta (RLC/Q/088/14).

Intefgħu żewġ kwotazzjonijiet hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | W.M. Environmental Ltd | €9.00 *Small*<br>€19.00 *Medium*<br>€29.00 *Extra Large* |
| 2 | Charles & Joseph Gauci | €11.80 *Small*<br>€23.00 *Medium*<br>€33.00 *Extra Large* |

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent W.M. Environmental Ltd peress li l-prezz u s-servizz magħżul huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż għall-Kunsill minn dawk mitfugħa, kif ukoll l-irħas.

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill (RLC/Q/089/14).

Intefgħu tliet kwotazzjonijiet hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | Floorpul Ltd<br>Paulette Gafà | €7.30 *per hour* |
| 2 | Charles & Joseph Gauci | €7.20 *per hour* |
| 3 | JF Services Ltd<br>Matthew Formosa | €7.38 *per hour* |

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Charles & Joseph Gauci peress li l-prezz u s-servizz magħżul huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż għall-Kunsill minn dawk mitfugħa, kif ukoll l-irħas.

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa għal servizz ta' *Shuttle Service* (RLC/Q/090/14).

Intefgħu ħames kwotazzjonijiet hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | Dalton's Garage<br>Anthony Dalli | €15.00 *per hour/per mini bus**<br><br>*€30.00 *per hour/per 2 mini buses* |
| 2 | Godfrey Transport<br>Godfrey Ciangura | €38.00 *per hour/per 2 mini buses* |
| 3 | VB Rentals<br>Darren Micallef | €26.50 *per hour/per 2 mini buses* |

| | | |
|---|---|---|
| 4 | Carmel Gatt<br>Camron Garage | €28.50 *per hour/per 2 mini buses* |
| 5 | Leo Grech<br>Paramount Coaches | €13.75 *per hour/per 2 mini buses* |

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Leo Grech peress li l-prezz u s-servizz magħżul huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż għall-Kunsill minn dawk mitfugħa, kif ukoll l-irħas.
Fl-eventwalità li l-offerent magħżul jirrifjuta jew b'xi mod ieħor jirrinunzja minn dan it-*tender* il-Kunsill jaqbel li jingħażel it-tieni l-irħas offerent.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 9 tal-aġenda.**

** Il-Kunsillier Stephen Borg talab li jiġi skużat fl-9.40 ta' filgħaxija.

**9.00 Għażla tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' avukat - RLC/Q/086/14**

9.01 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' avukat, lill-offerent Dr Richard Sladden peress li l-prezz u s-servizz magħżul huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż għall-Kunsill minn dawk mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Għażla tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' avukat - RLC/Q/086/14

**10.00 Għażla tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi għat-tisqija, żamma u manutenzjoni ta' pjanti – RLC/Q/087/14**

10.01 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi għat-tisqija, żamma u manutenzjoni ta' pjanti, lill-offerent Joseph Azzopardi peress li l-prezz u s-servizz magħżul huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż għall-Kunsill minn dawk mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Għażla tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi għat-tisqija, żamma u manutenzjoni ta' pjanti – RLC/Q/087/14

**11.00 Għażla tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' ġbir ta' annimali mejta – RLC/Q/088/14**

11.01 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-kwotazzjoni għall-provvediment ta servizzi ta' ġbir ta' annimali mejta, lill-offerent W.M. Environmental Ltd peress li l-prezz u s-servizz magħżul huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż għall-Kunsill minn dawk mitfugħa, kif ukoll l-irħas. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Għażla tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' ġbir ta' annimali mejta – RLC/Q/088/14

**12.00 Għażla tal-kwotazzjoni għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/Q/089/14**

12.01 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jagħġudika l-kwotazzjoni għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill, lill-offerent Charles & Joseph Gauci peress li l-prezz u s-servizz magħżul huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż għall-Kunsill minn dawk mitfugħa, kif ukoll l-irħas. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-kwotazzjoni għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/Q/089/14

**13.00 Għażla tal-kwotazzjoni għal servizz ta' *Shuttle Service* - RLC/Q/090/14**

13.01 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jagħġudika l-kwotazzjoni għal servizz ta' *Shuttle Service*, lill-offerent Leo Grech peress li l-prezz u s-servizz magħżul huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż għall-Kunsill minn dawk mitfugħa, kif ukoll l-irħas. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-kwotazzjoni għal servizz ta' *Shuttle Service* - RLC/Q/090/14

Fl-eventwalità li l-offerent magħżul jirrifjuta jew b'xi mod ieħor jirrinunzja minn din il-kwotazzjoni, l-Kunsil jaqbel li jintgħażel it-tieni l-irħas offerent.

**14.00 Korrispondenza**

14.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1342/14,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva l-*Playgrounds Inspection Report'* ta' Ġnien tal-Barnuża u Ġnien Bir Iljun. Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lill-perit sabiex jagħmel evalwazzjoni tar-rapport u jħejji wkoll l-istimi meħtieġa.

*Playgrounds Inspection Report* ta' Ġnien tal-Barnuża u Ġnien Bir Iljun

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li peress li Ġnien tal-Barnuża jaqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, ir-rapport flimkien mal-istima li ser iħejji l-perit ser jittellgħu għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv.

14.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1378/14,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kumpanija *Green Mt* kienet qed tinforma lill-Kunsill li l-*bring-in-sites* tal-ħġieġ li hemm l-Għemieri, il-Kunċizzjoni u tas-Salib kienu ser jitneħħew minħabba li dawn dejjem qed ikunu vojta u għalhekk jidher biċ-ċar li dawn mhux qed jintużaw.

*Bring-in-sites* l-Għemieri, il-Kunċizzjoni u tas-Salib

Il-Kunsill ma qabilx li dawn il-*bring-in-sites* jitneħħew.

**15.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru B02**

15.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija B02 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Baħrija B02

**16.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B02**

16.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-KA tal-Virtù kien qed jitlob lill-Kunsill

Bankina fi Triq tal-Virtù k/m Triq

sabiex jagħmel il-kumplament tal-bankina li tinsab fi Triq tal-Virtù k/m Triq Francesco Azopardi peress li din tagħmel parti mill-konfini tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Francesco Azopardi

Is-Sindku ppropona li issir stima mill-perit u tiġi diskussa f'seduta oħra.

16.02 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù B02 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtù B02

**18.00 Data tas-seduta li jmiss**

18.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

18.02 Il-laqgħa ntemmet fl-10.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tnejn 27 ta' Ottubru 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**